GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

**ĊIRKULARI**

**Data:** 3ta' Ġunju 2022 **Ref:** DLAP 158/2022

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** Jane Farrugia Buhagiar u Lara Sammut – Uffiċjali Edukattivi, Migrant Learners' Unit

**Suġġett:** Il-Korsijiet tas-sajf *Language to Go!* 2022 – L-applikazzjonijiet miftuħa.

---

(*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil*)

Il-Migrant Learners' Unit fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni ser tkun qed torganizzata l-***Language to Go!*** – kors fis-sajf ta' tmien sessjonijiet bil-għan li joffri appoġġ **lil studenti li għadhom ġodda fil-lingwa Maltija u / jew l-Ingliż**. Dawn il-korsijiet se jkunu offruti bħala parti mill-proġett '*Language Learning and Parental Support for Integration PLUS* – LLAPSI+ (MT/2016/AMIF/4.01). Kull sessjoni ttul 90 minuta għal darbtejn jew tlieta fil-ġimgħa, mifruxa fuq perjodu ta' tlieta jew erba' ġimgħat li jibdew mit-18 ta' Lulju 2022 (dati suġġetti għal tibdil).

Dawn il-korsijiet huma mmirati għal studenti li għadhom jaslu f'Malta jew dawk li għadhom isibu diffikultà fil-komunikazzjoni bil-Malti u / jew bl-Ingliż bażiku. Studenti li bħalissa qed jattendu fl-iskejjel u qegħdin **fit-2 sal-10 Sena** huma eliġibbli biex japplikaw. Il-korsijiet se jsiru b'mod virtwali.

Il-parteċipazzjoni fil-korsijiet tal-*Language to Go!* hija bla ħlas. Studenti jistgħu japplikaw għall-korsijiet kemm fil-Malti, fl-Ingliż, jew fiż-żewġ ilsna f'daqqa. Dawn interessati għandhom jimlew din il-formola (jekk jogħġbok agħfas fuq din il-ħolqa) li trid tkun awtorizzata mill-ġenitur/gwardjan rispettiv.

L-applikazzjonijiet jibqgħu jintlaqgħu **sat-Tnejn 20 ta' Ġunju 2022** u jiġi proċessati abbażi ta' *first come – first served.*

F'każ ta' diffikultà fil-mili tal-formola wieħed jista' jikkuntattja lill-MLU bl-imejl fuq mlu.meyr@gov.mt jew bit-telefon fuq 2598 1584.

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**